DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2039

tad-9 ta' Diċembru 2020

li jagħti derogi lil ċerti Stati Membri mill-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240 u (UE) 2019/2241

(notifikata bid-dokument C(2020) 8602)

(Huma awtentiċi biss it-testi bil-Kroat, bid-Daniż, bl-Olandiż u bil-Pollakk)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2019/1700, id-Danimarka, il-Kroazja, in-Netherlands u l-Polonja ressqu talbiet għal deroga fi żmien 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240 ([2]) u (UE) 2019/2241 ([3]).

(2) Mill-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni jidher li t-talbiet tad-Danimarka, il-Kroazja, in-Netherlands u l-Polonja huma ġġustifikati mill-ħtieġa għal adattamenti kbar fis-sistemi amministrattivi u tal-istatistika nazzjonali sabiex jikkonformaw mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2240 u (UE) 2019/2241.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-derogi mitluba jingħataw lid-Danimarka, lill-Kroazja, lin-Netherlands u lill-Polonja.

(4) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2240 u (UE) 2019/2241 kif stabbiliti fl-Anness huma mogħtija lill-Istati Membri elenkati fih.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-data, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 59).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2241 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiddeskrivi l-varjabbli u t-tul, ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-livell ta' dettall tas-serje taż-żmien għat-trażmissjoni tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 125).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika tal-Kroazja, lir-Renju tan-Netherlands u lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2240

Dispożizzjoni kkonċernata	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kamp ta' applikazzjoni tad-deroga
Artikolu 3 (Deskrizzjoni tal-varjabbli) u l-Anness I	Il-Kroazja	Sena waħda (2021)	Trażmissjoni tal-varjabbli INCGROSS (Il-paga grossa fix-xahar mill-impjieg ewlieni) u INCGROSS_F (Il-bandiera fuq il-paga grossa fix-xahar mill-impjieg ewlieni) bħala ammont nett minflok ammont gross
Artikolu 3 (Deskrizzjoni tal-varjabbli) u l-Anness I	Il-Kroazja	Sena waħda (2021)	Trażmissjoni tal-varjabbli HATFIELD (Qasam tal-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum b'suċċess) f'konformità mal-ISCED-F 2013, kodiċi b'2 ċifri minflok kodiċi b'3 ċifri.
Artikolu 6(2) (Karatteristiċi dettaljati tal-kampjun)	In-Netherlands	Sena waħda (2021)	Distribuzzjoni uniformi tal-kampjun: — Il-kampjun nazzjonali sħiħ tas-sena ta' referenza mhux se jitqassam b'mod uniformi bejn it-trimestri ta' referenza kollha tas-sena. — F'kull trimestru ta' referenza l-kampjun trimestrali sħiħ mhux se jitqassam b'mod uniformi bejn il-ġimgħat ta' referenza kollha tat-trimestru.
Artikolu 9(2) (Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni, il-ponderazzjoni u l-istima)	Il-Polonja	sentejn (2021-2022)	Trażmissjoni tal-varjabbli INCGROSS (Paga grossa fix-xahar mill-impjieg ewlieni) mingħajr imputazzjoni statistika għan-nuqqas ta' tweġib tal-partita. It-trażmissjoni tad-*data* kkoreġuta b'imputazzjoni għas-snin 2021 u 2022 se ssir flimkien mat-trażmissjoni tad-*data* għall-2023, jiġifieri f'Marzu 2025.

Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2241

Dispożizzjoni kkonċernata	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kamp ta' applikazzjoni tad-deroga
Artikolu 4(1)(a) (Skadenzi għat-trażmissjoni)	Id-Danimarka	3 snin (2021-2023)	Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad għax-xahar ta' Novembru għandha tiġi trażmessa sal-4 ta' Jannar tas-sena ta' wara.
Artikolu 6(1) (Sorsi u metodi)	Il-Kroazja	Sena waħda (2021)	Id-deskrizzjoni tas-sorsi u l-metodi użati għall-kumpilazzjoni tal-inputs dwar il-qgħad ta' kull xahar għandha tiġi trażmessa sal-31 ta' Diċembru 2021.